MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-12 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 28/2015

**Fl-atti tal-Mandat ta` Qbid**

**Nru 23/2015 fl-ismijiet :**

**A.A.S.K. Enterprises Limited**

**(C-32035)**

***kontra***

**MORE Supermarkets (Fgura) Limited (C-61496)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Fit-13 ta` Jannar 2015, Galleria Properties Limited (C-38989) ["ir-rikorrenti"] ipprezentat rikors fejn talbet it-thassir u revoka tal-Mandat ta` Qbid fl-ismijiet premessi ("il-Mandat") skond l-Art 281 tal-Kap 12.

Fl-14 ta` Jannar 2015, il-Qorti tat digriet fejn ordnat in-notifika ta` l-intimata, tatha ghaxart (10) ijiem zmien biex twiegeb bil-miktub, appuntat ir-rikors ghas-smigh tal-provi u tas-sottomissjonijiet finali ghall-udjenza ta` nhar il-Hamis 29 ta` Jannar 2015, fis-1.30 p.m.

Fil-kaz tal-lum, l-intimata kienet is-socjeta` A.A.S.K. Enterprises Limited (C-32035) li fuq istanza taghha hareg il-Mandat.

Fl-istess Mandat, l-esekutata kienet MORE Supermarkets (Fgura) Limited (C-61496).

L-intimata kienet notifikata fil-21 ta` Jannar 2015 u pprezentat risposta bil-miktub fit-23 ta` Jannar 2015.

Fit-28 ta` Jannar 2015, ir-rikorrenti pprezentat replika.

Ir-rikors beda jigi trattat fl-udjenza tad-29 ta` Jannar 2015 fejn xehed Malcolm Sant bhala rapprezentant tar-rikorrenti.

Is-smiegh kompla fl-udjenza tat-2 ta` Frar 2015 fejn, wara li xehed Kevin Scerri rapprezentant tal-intimata, saru sottomissjonijiet mid-difensuri, u r-rikors thalla ghal provvediment ghal-lum.

Il-Qorti rat l-atti ta` dan il-procediment. Rat ukoll l-atti tal-Mandat.

U qeghda tipprovdi hekk.

## II. Ir-ragunijiet tar-rikorrenti

**Fil-qosor**, ir-ragunijiet li gabet ir-rikorrenti ghat-thassir tal-Mandat kienu dawn :-

1) L-esekutata kienet topera minn fond propjeta` tar-rikorrenti. Ghalkemm il-fond kien mikri lill-azzjonista principali tal-esekutata (Dok C), meta l-esekutata kienet ghadha mhijiex kostitwita, ir-rikorrenti halliet lill-esekutata, wara li din giet kostitwita, topera mill-fond de quo.

2) In segwitu l-kirja kienet terminata ; l-esekutata ma baqghetx fil-fond pero` halliet pendenzi ta` €92,817 (fol 32 sa fol 48).

3) Bil-Mandat, inqabad apparat ta` *airconditioning* li, skond ir-rikorrenti, fuqu tgawdi privilegg skond l-Art 2009(e) tal-Kap 16.

4) Anke jekk l-intimata tgawdi privilegg skond l-Art 2009(d) tal-Kap 16, dak il-privilegg ma jippregudikax il-privilegg taghha skond l-Art 2009(e).

5) Esekuzzjoni tal-Mandat bit-tnehhija tal-apparat in kwistjoni mill-fond de quo, minghajr il-kunsens tar-rikorrent, imur kontra dak li jipprovdi l-Art 2009(e) tal-Kap 12.

## III. L-opposizzjoni tal-intimata

**Fil-qosor**, l-intimata topponi t-thassir u revoka tal-Mandat ghal dawn ir-ragunijiet :-

1) Permezz ta` sentenza tad-19 ta` Dicembru 2014, l-intimata kienet kanonizzata kreditrici tal-esekutata fl-ammont ta` €50,695.55 li kien il-bilanc tal-prezz ta` xoghol, materjal u *equipment* fornit u mqieghed fil-fond li l-esekutata kellha fil-Galleria Complex, Fgura (Dok A).

2) L-*equipment* konsenjat kien jinkludi l-apparat ta` *airconditioning* li nqabad bil-Mandat. L-intimata pprezentat bhala prova Dok B, B1 u B2, li kienu konfermati bil-gurament minn Kevin Scerri fl-udjenza tat-2 ta` Frar 2015. Wara l-esekuzzjoni tal-Mandat, l-intimata mexxiet ghas-subbasta.

3) L-intimata tgawdi privilegg fuq dak l-apparat skond l-Art 2009(d) tal-Kap 16.

4) Kreditu privileggjat ma jaghtix lill-kreditur il-jedd li jopponi ghall-esekuzzjoni tal-Mandat. Izda jaghti d-dritt lil dak il-kreditur li jikkonkorri fl-ispartizzjoni tar-rikavat li jigi mill-bejgh tal-oggetti b`subbasta, u, jekk inkun il-kaz, jippregradwa skond il-privilegg li jgawdi. Ghalhekk ir-rikorrenti ma tistax tippretendi li, ghax tghid li tgawdi privilegg, titlob it-thassir u revoka tal-Mandat.

5) Mhux minnu li l-Art 2009(e) jesigi l-kunsens tar-rikorrenti sabiex l-*equipment* de quo jitnehha mill-fond in kwistjoni.

6) Ir-rikorrenti ma tgawdi l-ebda *ius retentionis*. Ghax biex ikun hemm *ius retentionis* dan il-jedd irid jirrizulta espressament *ex lege* - li mhuwiex il-kaz tal-lum.

7) Fi kwalunkwe kaz, ir-rikorrenti ma gabitx il-prova illi hija kreditrici tal-esekutata. Ghalkemm privilegg jigi fis-sehh kontestwalment mal-kreditu, sabiex jigi enforzat, privilegg jehtieg li jsir titolu esekuttiv. Ir-rikorrenti ma tistax tippretendi li ghandha l-jedd titlob it-thassir jew revoka tal-Mandat, meta ma kienx ippruvat li ghandha titolu esekuttiv kontra l-esekutata.

**IV. <u>Ir-replika tar-rikorrenti</u>**

Wara l-presentata tar-risposta tal-intimata, ir-rikorrenti pprezentat replika. **<u>Fil-qosor</u>** irrilevat hekk :-

1) Il-bazi legali tat-talba taghha hija l-Art 2091(2) tal-Kap 16. Ghalhekk qeghda titlob li ma ssirx l-elevazzjoni tal-apparat kolpit bil-Mandat minkejja l-privilegg tal-intimata skond l-Art 2009(d).

2) B`eventwali elevazzjoni, ir-rikorrenti tbati hsara rreparabbli fil-propjeta` taghha.

3) Kull fejn kreditur izomm oggett tad-debitur tieghu, dak il-pussess (li ma hemmx ghalfejn ikun legali) jaghti ius retentionis. Ghalhekk il-ius retentionis ma jregix biss fejn huwa espressament indikat fil-ligi.

4) L-Art 2009 huwa sekondarju ghall-fini tal-procediment tal-lum.

5) Taccetta li ma pprezentatx rikors guramentat sabiex tikseb il-kanonizzazzjoni ta` l-kreditu taghha kontra l-esekutata.

6) L-azzjonista principali tal-esekutata u l-esekutata stess huma insolventi u hemm proceduri pendenti ghax-xoljiment u stralc taghhom.

## V. <u>Il-Mandat</u>

L-intimata pprezentat ir-rikors ghall-hrug ta` Mandat Esekuttiv Nru 23/15 MB kontra l-esekutata fis-7 ta` Jannar 2015. Il-kreditu tal-intimata kien ikopri sorte, imghax u spejjez wara s-sentenza Dok A (fol 11 et seq). L-intimata indikat kunsinnatarju u talbet l-elevazzjoni ta` hamsa u ghoxrin (25) *airconditioning units* mill-fond Euroland il-Fgura. Din il-Qorti akkordat il-hrug tal-Mandat fit-8 ta` Jannar 2015. Il-Mandat kien esegwit u nqabdu l-25 *airconditioning units.* Fir-referta tal-Marixxal jinghad illi minkejja t-talba ghall-elevazzjoni, l-intimata talbet li l-oggetti maqbuda jibqghu fil-post sa sebat ijiem qabel id-data tas-subbasta.

## VI. <u>L-Art 281 tal-Kap 12</u>

Ir-rikorrenti qeghda tibbaza t-talba ghat-thassir u revoka tal-Mandat abbazi tal-Art 281 tal-Kap 12.

Id-disposizzjoni taqra hekk :-

*(1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel*

*rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi.*

*(2) Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-parti opposta li, fi żmien għaxart ijiem, għandha tippreżenta risposta li jkun fiha s-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-risposta li tista' tippreżenta :*

*Iżda l-qorti tista', f'każijiet urġenti, tirriduċi l-perjodu msemmi f'dan is-subartikolu. Fin-nuqqas ta' din l-oppożizzjoni, il-qorti għandha tilqa' t-talba.*

*(3) Il-qorti għandha tiddeċiedi dwar ir-rikors wara s-smigħ tal-partijiet, u kull xiehda li jidhrilha xierqa, jekk taħseb hekk, u dan mhux iktar tard minn perjodu ta' xahar mill-jum tal-preżentata.*

*(4) Appell minn digriet mogħti taħt is-subartikolu (3) jista' jsir b'rikors fi żmien sitt ijiem minn meta d-digriet jinqara fil-qorti bil-miftuħ. Il-Qorti tal-Appell għandha tappunta dan l-appell għas-smigħ fi żmien xahar minn meta d-digriet jinqara' fil-qorti bil-miftuħ u dan għandu jiġi deċiż fi żmien tliet xhur mid-data tal-appuntament għas-smigħ.*

*(5) Il-garanzija msemmija fl-artikolu 249 ma tinħtieġx fil-każijiet imsemmija fis-subartikolu ta' qabel dan.*

Fil-provvediment taghha tal-20 ta` Gunju 2012 fl-atti tar-**rikors ta` <u>Rose</u> <u>Marie Holland</u>** wara l-**<u>Mandati ta` Qbid (Ezekuttivi)</u>** numri 1817/11 MB u 1818/11 MB fl-ismijiet : **"<u>Victor Fenech et vs Anthony Fountain et</u>",** din il-Qorti **(<u>PA/JRM</u>)** qalet hekk :-

*" … r-rimedju mogħti bl-imsemmi artikolu 281 huwa wieħed speċjali (kemm fir-rigward tal-proċedura mfassla u kif ukoll għas-sura ta' rimedju mogħti) maħsub li jġib it-tħassir tal-att eżekuttiv, kemm għal kollox jew inkella f'biċċa minnu, u dan "għal raġuni valida skond il-liġi". Għalkemm ma tingħata l-ebda tifsira fil-liġi dwar x'tista' tkun "raġuni valida" li twassal għall-għoti tar-rimedju mitlub, huwa meqjus li, għall-*

*finijiet tal-artikolu 281, l-għan li għaliha ddaħħlet din id-dispożizzjoni fil- Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, l-parti interessata tista' ġġarrab preġudizzju, u dan billi jsir eżami formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat ikunu tħarsu u jkunu jidhru mill-att eżekuttiv innifsu, u li dak il-Mandat ma jkunx inħareġ b'mod abbużiv (ara : P.A. GV : <u>19.11.2008</u> fl-atti tar-rikors fl-ismijiet "<u>Kummissarju VAT vs Mark Grima et</u> <u>noe et</u>") ;*

*Illi huwa aċċettat li l-fatt li l-ħwejjeġ maqbuda fl-eżekuzzjoni ta' Mandat ma jagħmlux mill-ġid tad-debitur eżekutat ma għandu jkollu l-ebda effett fuq is-siwi tal-*

*Mandat innifsu, iżda jekk stess iħalli effett fuq l-eżekuzzjoni (ara : P.A. AJM : <u>14.11.1994</u> fil-kawża fl-ismijiet "<u>Josephine Spiteri vs Anthony Perry et</u>"). Min għandu d-dritt u l-interess li jattakka dik l-eżekuzzjoni, m'għandux il-jedd li jattakka s-siwi tal-Mandat li bis-saħħa tiegħu saret tali eżekuzzjoni, sakemm ma toħroġx xi waħda mir-raġunijiet li trid il-liġi (ara : P.A. GCD : <u>28.5.1999</u> fil-kawża fl-ismijiet "<u>Gianfranco Tolio vs Danuta Komarzynic</u>"). Min-naħa l-oħra, t-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' Mandat ma ssirx taħt l-artikolu 281 (ara : App. Ċiv. : <u>5.2.2002</u> fil-kawża fl-ismijiet "<u>Persiano et vs Persiano</u>" (Kollez. Vol : LXXXVI.ii.257) ;*

*Illi l-prattika stabilita, mbagħad, hi li min irid jattakka l-eżekuzzjoni ta' Mandat, irid jagħmel dan billi jmexxi bil-proċedura normali maħsuba fil-liġi. Illum il-ġurnata, din il-proċedura hija azzjoni li tinbeda b'Rikors Maħluf (ara : P.A. : AJM <u>5.3.2001</u> fil-kawża "<u>Terranet Limited vs Linknet Limited et</u>") …*

*Illi jagħti 'l wieħed x'jargumenta bis-sħiħ jekk l-eżekuzzjoni ta' Mandat għandhiex titqies bħala parti essenzjali mill-istess Mandat. U dan jista' wkoll jitqies fid-dawl tar-rimedju mogħti fi kliem l-artikolu 281 lil "xi persuna oħra interessata". Fl-istess waqt, il-Qorti tagħraf ukoll li l-fehmiet tal-qrati tagħna dwar jekk l-artikolu 281 jistax iservi biex wieħed jattakka l-eżekuzzjoni ta' Mandat eżekuttiv m'hux dejjem jaqblu (ara : P.A. GC : <u>12.2.2010</u> fil-kawża fl-ismijiet "<u>Car Care Products Ltd</u> <u>vs John Buġeja et</u>" (li ma aċċettatx li l-art 281 jista' jintuża biex wieħed jattakka l-eżekuzzjoni tal-Mandat) u P.A. AE : <u>2.8.2011</u> fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet "<u>Alan Bartoli noe vs A Gatt Trading Ltd et</u>" (fejn l-art 281 tħalla jintuża biex jattakka eżekuzzjoni ta' Mandat ta' Qbid fuq ħwejjeġ li ma kinux tad-debitur eżekutat) Madankollu, l-fehma ta' din il-Qorti hi li l-proċedura tal-artikolu 281 ma tistax tgħin biex persuna tattakka l-eżekuzzjoni u mhux is-siwi tal-mandat innifsu. Din il-fehma, minbarra dak li ssemma qabel, toħroġ ukoll mill-fatt li r-rimedju mogħti mil-liġi għal min irid jattakka l-eżekuzzjoni ta' att eżekuttiv (Art 276 tal-Kap 12) jiġifieri bi proċedura kontenzjuża "normali", kien jeżisti sa minn qabel ma ddaħħal fil-Kodiċi r-rimedju speċjali li llum jinstab fl-artikolu 281 (qabel kien imsejjaħ l-art. 283A). Ma*

*jidhirx li meta l-leġislatur (fl-2006) wessa' l-applikazzjoni tal-artikolu 281 tal-Kap 12 favur "xi persuna oħra interessata" wessa' wkoll ir-raġunijiet li dwarhom dak ir-rimedju sata' jintalab qabel dak iż-żmien. Wieħed ma jridx jinsa li r-rimedju mogħti taħt l-artikolu 281 tal-Kodiċi tal-Proċedura m'huwiex ir-rimedju waħdien li jista' jingħata "taħt din il-liġi jew xi liġi oħra" (ara : App. Inf. 9.1.2008* ***:*** *fil-kawża fl-ismijiet "Awtorita' Marittima ta' Malta vs Polidano Brothers Ltd") ;*

*Illi ladarba r-rikorrenti dehrilha li kellha tmexxi b'sempliċi rikors u mhux b'Rikors Maħluf, joħroġ li r-rikors imressaq minnha ma jiswiex għall-finijiet tal-artikolu 789(1)(ċ) tal-imsemmi Kapitolu 12 u sa dan ir-rigward, l-eċċezzjoni proċedurali tal-intimat eżekutant tirriżulta mistħoqqa. Dan, naturalment, jingħad bla ebda ħsara għal kull rimedju ieħor li l-istess rikorrenti tista' tinqeda bih biex tikseb dak li talbet f'din il-proċedura tal-lum …"*

**Ghall-fini tal-provvediment tal-lum, din il-Qorti jidhrilha li jkun utli li jinghad illi l-iskop wara l-procediment skond l-Art 281 tal-Kap 12 baqa` l-istess kif kien meta d-disposizzjoni vigenti kienet l-Art 283A qabel dan l-artikolu kien sostwit bl-Art 281.**

Infatti fil-provvediment taghha tal-5 ta` Mejju 2005 fl-atti tar-**rikors** Nru 287/2005 wara **l-Mandat ta` Sekwestru** Nru 392/05 fl-ismijiet **"Edward Pavia vs Michael Sultana et",** l-istess Qorti **(PA/JRM)** li ppronunzjat il-provvediment hawn fuq riferit qalet hekk dwar **l-iskop** tal-Art 283A :-

*" … Illi l-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti llum jinkwadra ruhu u huwa espressament imsejjes mir-rikorrenti fuq dak li jipprovdi l-artikolu 283A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ;*

*Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-ghan li ghaliha ddahhlet din id-dispozizzjoni fil-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma' xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu, li, bis-sahha tieghu, l-parti ezekutata tbati pregudizzju. Minn dak li jirrizulta minn ezami tad-dibattiti parlamentari li wasslu ghad-dhul tal-imsemmi artikolu fil-Kodici, ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuza biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-sahjha tieghu, l-istess att ezekuttiv ikun inhareg (ara : "Briffa vs Stones Properties Ltd noe" : Appell : 1.12.2000 : Kollez. Vol: LXXXIV.ii.1401 ; "K.T.I. vs*

*<u>Serge</u>" : 25.5.2001 : Appell : Kollez. Vol: LXXXV.ii.414) Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A jaghmluha cara li r-rimedju moghti lir-rikorrent jinghata bla hsara ghal kull jedd iehor taht l-istess*

*Kodici jew xi ligi ohra ;*

*Illi l-ligi ma tghidx x'tista' tkun "raguni valida skond il-ligi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in generali, jista' jinghad li mandat jista' biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma. Meta l-ligi riedet tfisser f'liema cirkostanzi jista' jintalab il-hrug ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per ezempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta' l-kawza prezenti m'huwiex Mandat kawtelatorju ;*

*Illi, fil-qofol tal-kwestjoni, jirrizulta li bejn il-partijiet ghad hemm kontestazzjoni dwar jekk it-titolu ezekuttiv li bis-sahha tieghu nhareg il-Mandat impunjat ghadux fis-sehh. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalhekk, sakemm ikun hemm*

*provvediment gudizzjarju dwar dan, jew sakemm ma jirrizultax minn dokument jew fatt maqbul bejn il-partijiet li jipprova t-twettiq jew l-estinzjoni tat-titolu, tali titolu*

*ezekuttiv ikollu jitqies li ghadu fis-sehh ;*

*Illi l-Mandat – li huwa att ezekuttiv – inhareg fuq il-bazi li t-titolu ezekuttiv ghadu fis-sehh. Mad-daqqa t'ghajn, jidher li l-Mandat ihares dak kollu li tipprovdi l-ligi ghas-siwi tieghu (Art 274 tal-Kap 12) u certament inhareg minn Qorti kompetenti u kien kollazzjonat kif imiss mir-Registratur tal-Qrati ;*

*Illi ghalhekk lill-Qorti ma jirrizultalhiex li hemm raguni tajba biex l-istess Mandat jigi attakkat."*

[ara wkoll il-provvediment ta` din il-Qorti (PA/JRM) tat-30 ta` Ottubru 2003 dwar rikors nru 958/2003 fl-atti tar-rikors ta` **Mandat ta' Qbid Ezekuttiv** nru 1496/03 fl-ismijiet : **"<u>Emanuel Vella vs Lloyd`s Malta Limited et</u>"**]

**VII. <u>Risultanzi</u>**

Din il-Qorti tikkondividi din il-gurisprudenza.

Ghall-kaz tal-lum - apparti kull aspett ta` mertu - din il-Qorti tirrileva li l-procedura tentata mir-rikorrenti tikkozza mal-iskop li ghalih dahlet fl-ordinament guridiku taghna.

Ghal dak li jirrigwarda *locus standi,* ir-rikorrenti ntavolat il-procediment bhala *persuna interessata* ladarba mill-atti tal-Mandat irrizulta li ma kenitx il-persuna li kontra taghha hareg il-Mandat.

F`dan l-istadju, hemm bosta x`jinghad dwar jekk tassew ir-rikorrenti tikkwalifikax bhala *persuna interessata.*

Il-pretensjoni <u>ewlenija</u> tar-rikorrenti hija li l-esekuzzjoni tal-Mandat kontra l-esekutata fuq oggetti tal-esekutata sitwati fil-fond taghha johloq pregudizzju fil-konfront taghha ghaliex fuq dawk l-oggetti hija ghandha privilegg ghal kreditu li tghid li ghandha kontra l-esekutata, liema privilegg jissupera l-privilegg li ghandha l-intimata fuq l-istess oggetti.

Mill-atti jirrizulta li r-rikorrenti kriet il-fond lil Cassar & Schembri Marketing Limited. Il-Mandat hareg kontra More Supermarkets (Fgura) Limited. Mhuwiex sodisfacjentement ippruvat li r-rikorrenti kriet lill-esekutata. Jekk saret cessjoni tal-kirja, din kellha tirrizulta minn kitba, mhux minn stqarrija ta` persuna, anke jekk bil-gurament. Jirrizulta wkoll illi l-kreditu pretiz mill-esekutata ma jidhirx li huwa tar-rikorrenti izda ta` kumpannija ohra bl-isem Galleria Trading Limited. Ir-relazzjoni guridika bejn iz-zewg kumpanniji vis-à-vis l-esekutata ma tistax tirrizulta sodisfacjentement minn stqarrija ta` persuna, anke jekk bil-gurament, izda minn

dokument. Din l-incertezza tassumi rilevanza fil-kuntest tal-argument li qeghda ggib ir-rikorrenti dwar l-allegat privilegg taghha, mhux tal-kumpannija l-ohra li d-dokumenti prezentati bhala prova juru li kienet hi li vvantat il-kreditu kontra l-esekutata mhux ir-rikorrenti.

Fuq l-atti akkwiziti din il-Qorti mhijiex sodisfatta li fic-cirkostanzi r-rikorrenti tista` titqies bhala *persuna interessata.* Li kieku pero` kellha din il-Qorti ghall-argument taccetta li r-rikorrenti tikkwalifika bhala *persuna interessata,* il-procedura tal-lum tentata mir-rikorrenti ma tistax tirnexxi fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata.

It-talba tar-rikorrenti hija ekwivoka fis-sens illi min-naha qeghda titlob it-thassir u revoka tal-Mandat, u min-naha l-ohra taghmel kwalifika fis-sens illi *safejn* il-Mandat jikkoncerna *l-oggetti elenkati.* Mill-atti tal-Mandat jirrizulta li l-unici oggetti li fuqhom saret l-esekuzzjoni huwa l-apparat ta` *airconditioning* li l-intimata specifikament indikat lill-Marixxal li kellu jinqabad. Tenut kont ta` kif saret l-esekuzzjoni tal-Mandat, it-talba tar-rikorrenti tfisser it-thassir u revoka tal-Mandat *in toto* : *sic et simpliciter.*

Fl-isfond tal-gurisprudenza citata, din il-Qorti hija tal-fehma li anke li kieku kellha taccetta li r-rikorrenti tikkwalifika bhala *persuna interessata,* ir-ragunijiet li gabet biex ikun hemm thassir u revoka tal-Mandat ma jikkwalifikawx bhala *raguni valida skont il-ligi* ghall-fini ta` procediment skond l-Art 281 tal-Kap 12.

Ir-rimedju li jaghti l-Art 281 tal-Kap 12 huwa specjali. Il-pregudizzju li parti interessata tallega li ggarrab jrid jirrizulta minn eżami formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. L-istharrig li l-Qorti trid taghmel mhuwiex fil-mertu, kif ghamlet ir-rikorrenti fl-impostazzjoni taghha mill-bidu sal-ahhar. Li trid tara l-Qorti huwa jekk ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat ikunux gew osservati jew jekk il-Mandat jkunx inħareġ b'mod abbużiv. Mandat jista` biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma. Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti hija tal-fehma li fil-hrug tal-Mandat ma kien hemm xejn irregolari jew abbusiv. L-argument tar-rikorrenti li l-esekuzzjoni tal-Mandat fuq hwejjeg li - skond ir-rikorrenti - qeghdin jaghmlu tajjeb ghall-kreditu li tghid li ghandha kontra l-esekutata u li - skond hi - jgawdu privilegg aqwa minn dak tal-intimata ma għandu jkollu l-ebda effett fuq is-siwi tal-Mandat innifsu. Jekk ir-rikorrenti tassew jidhrilha li ghandha jedd

tattakka l-esekuzzjoni tal-Mandat, din tal-lum mhijiex il-procedura li kellha tittenta. Accertat illi kienu osservati r-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat, li jfisser li l-Mandat huwa regolari, ir-rikorrenti ma ghandhiex il-jedd li sabiex tattakka l-esekuzzjoni tal-Mandat, tipprova tghid li l-Mandat ma jiswiex. Indipendentement minn kull kwistjoni ta` mertu, talba ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni ta` Mandat ma tistax ssir taht l-Art 281 tal-Kap 12. Jekk ir-rikorrenti tahseb li ghandha ragunijiet bizzejjed sabiex tattakka l-ezekuzzjoni tal-Mandat, ir-rimedju taghha mhuwiex il-procediment specjali skond l-Art 281 tal-Kap 12 izda l-procedura ordinarja bil-prezentata ta` rikors guramentat fejn taghmel il-kaz taghha u ggib ir-ragunijiet kollha li ghamlet fil-procediment tal-lum – u li kienu opposti fil-mertu taghhom mill-intimata. Din il-Qorti ssegwi dik il-gurisprudenza li tindirizza lanjanza kontra l-esekuzzjoni ta` Mandat mhux fil-kuntest ta` l-Art 281 tal-Kap 12, izda fl-ambitu ta` l-presentata ta` rikors guramentat fi procediment ordinarju. Il-Qorti tippreciza li, fil-kaz tal-lum, irrizulta li l-intimata bieghet u kkonsenjat lill-esekutata l-*airconditioning units* kollha li nqabdu bil-Mandat, wara li l-esekutata ma hallsithiex taghhom ; ghax l-esekutata baqghet inadempjenti, l-intimata ghamlet kawza u hadet sentenza kontra l-esekutata li ghaddiet in gudikat minkejja li l-intimata kellha privilegg. Min-naha taghha, ir-rikorrenti tallega li ghandha privilegg fuq l-istess oggetti ghal kreditu li tghid li ghandha kontra l-esekutata, ghal liema kreditu allegatament kopert bi privilegg, ir-rikorrenti ma hadet l-ebda sentenza kontra l-esekutata u kwindi m`ghandhiex titolu ezekuttiv kontra taghha.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tichad bhala mhux misthoqqa t-talba tar-rikorrenti ghat-thassir u revoka tal-Mandat ta` Qbid Nru 23/2015 fl-ismijiet *A.A.S.K. Enterprises Limited (C-32035) vs MORE Supermarkets (Fgura) Limited (C-61496).* Tordna lir-rikorrenti sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------